MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1141/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmen Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u hdax –il Lira Maltija u hmistax –il centezmu (Lm211.15) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21243769 (CN1020010 a/c 10064369), liema servizz gie installat fil-fond "Ustinov House", Triq is-Serkin, Marsa, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness ma' l-avviz Dok. A u Dok. B u kuntratt relattiv markat Dok. C.

Ill-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hdax –il Lira Maltija u hmistax –il centezmu (Lm211.15), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------